ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa  Numru 54**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, it-Tnejn 4 ta' Frar 2019 fis-6.30p.m.

**PREŻENTI:**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Josef Aquilina - Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Daniel Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Mattea Sghendo – Sindku Kunsill Lokali Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**54.1 Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Antoine Saliba Haig li ma setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba li kien ma jiflaħx.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 54 li nżammet nhar it-Tnejn 7 ta' Jannar 2019, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 53 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**54.3.1** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta traffic management proposal ippreparata mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li Triq il-Belt Valletta hija waħda mit-toroq prinċipali, li jgħaddi minnha ħafna traffiku. Sfortunatament din it-triq toħloq bosta problemi. Is-Sindku spjega li c-central strip eżistenti ma Triq l-Erba' Qaddisin se tibqa' hemm, għaliex jekk titneħħa jaf jinħoloq periklu għas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**54.3.2** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li dan l-aħħar il-Kunsill kellu bosta lmenti dwar tabelli li ġew installati minn kumpanija privata fi Triq il-Furnar, liema tabelli twaħħlu mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill u ħolqu problemi kbar lir-residenti tal-istess triq.

**54.3.3** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li minn statistika li ħarġet dan l-aħħar, fuq bażi nazzjonali, ċ-ċitazzjonijiet naqqsu, iżda jidher li f'Ħal Qormi żdiedu. Is-Sindkku nfurma li għamel kuntatt mas-CEO ta' LESA dwar bosta li qed jinqalgħu.

**54.3.4** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li waqt il-laqgħa tal-Assoċjazzjoni ngħataw xi nformazzjoni dwar ir-Riforma, fejn ġew infurmati li s-Sindku mhux se jkun full timers, filwaqt li se jkun hemm żieda fl-onorarja tal-Kunsilliera. Is-Sindku nfurma li l-onorarja tas-Sindki ukoll se tiżdied, fejn fil-każ ta' Ħal Qormi, l-onorarja se tkun madwar €20,000 fis-sena. Is-Sindku nfurma wkoll li din ir-riforma se ġġib magħha tibdil fir-reġjuni fejn se jiġi ffurmat is-sitt reġjun. Il-President tar-Reġjun ma jistax ikun membru tal-Kunsill. It-terminu tal-President tar-Reġjun jagħlaq fl-2023 u l-onororarja tkun dik ekwivalenti għall-għola onorarja ta' Sindku.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li nbeda x-xogħol ta' bankini fi Triq il-Ġdida.

## 54.4 Tenders

Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se jinħarġu żewġ tenders oħra;

- Tender for Street Sweeping
- Tender for Street Lighting

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għadha qed tistenna li tiġi ffinalizzata l-Evalwazzjoni tat-tenders ta' Non Urban Roads u Public Conveniences.

## 54.5 MOZZJONIJIET

### 54.5.1 Mozzjoni Nru 111/2019

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni nru 111 **;**

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jfakkar dan l-avveniment importanti billi titwaħħal lapida u titħawwel siġra f'post li jrid jintgħażel biex ifakkar dan l-avveniment.*

*Issir serara ta' tifkira u wara riċiviment fejn jiġu mistiedna ex kunsillera u mpjegati tal-Kunsill fejn jiġu wkoll mogħtija tifkira tal-okkażjoni.*

*Din l-attività maħsuba li ssir lejn nofs Frar.*

*Is-Sindku talab emenda fid-data tal-attivita, fejn din l-attivita' ssir fis-26 t'April flimkien mal-kunċert tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 111/2018.

**54.5.2 Mozzjoni Nru 112/2019**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni nru 112 **;**

Wara s-suċċess miksub fl-ewwel edizzjoni tal-ktieb 'Citta Pinto u Niesha'; fl-okkazzjoni tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi nipproponi li jiġu miktub t-tieni edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-isem 'Citta Pinto u Lbisha' tal-poeta Qormi John Saliba. Dan il-ktieb se jiġi jiswa madwar €1000 li mill-bejgħ tiegħu wara li jinqatgħu l-ispejjeż, l-qliegħ imorru għal CCFF.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 112/2019.

**54.5.3 Mozzjoni Nru 113/2019**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippreżenta mozzjoni nru 113**;**

*Nipproponi illi tingħata kisja cold asphalt it-Triq li twassal għal kamra tan-Nar San Bastjan f'Wied il-Kbir.*

*Din it-triq tintuża wkoll minn diversi bdiewa (petizzjoni anessa).*

Is-Sindku nfurma li għandha titħejja stima mingħand il-Perit.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 113/2019.

**54.5.4 Mozzjoni Nru114/2019**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni Nru 114;

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 6500 għall-installar ta' lampi ġodda kif ġej;

Lampa ġdida fi Triq il-Wied (fiz-zona fejn tal-lottu)
Lampa ġdida fi Triq id-Dragun 'l parti t'isfel
Lampa ġdida fi Triq San Bartolomew k/m Triq il-Vitorja
Lampa ġdida fi Triq San Ġorġ
Belisha Lights fi Triq il-Mitħna
Belisha replacement fi Triq San Edwardu
2 Lampi ġodda fi Triq l-Izbandola

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 114/2019.

## 54.6 Korrispondenza

### 54.6.1 Quotation – Accounting Services

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat 2 stimi;

Booking Services - € 300 fix-xahar
Accounting Services - € 3600 fis-sena

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet jinsabu fil-parametri tad-direct order.

Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet.

## 54.7 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**54.7.1** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** staqsa fhiex wasal il-proġett tar-Rural Roads. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li x-xogħlijiet lesti, izda fadal xi xogħol ta' manutenzjoni xi jsir, min-naħa tal-Kuntrattur**.**

**54.7.2** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma lill-membri dwar is-sitwazzjoni tal-librerija Reġjonali u nfurma li qed jagħmel il-pressjoni neċessarja sabiex kif imwiegħed mill-Ministeru tat-toroq, isir il-proġett tant meħtieġ f'din il-librerija.

## 54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2019.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ppropona l-approvazzjoni tal-Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**54.9 Punti Oħra**

**54.9.1** **Il-Kunsillier Renald Falzon** nfurma li reġa' kien hemm inċident ieħor fit-telgħa ta' Triq il-Wied għal Triq il-Ħammieri, fejn din id-darba tqaċċtet il-gallarija. Il-Kunsillier Renald Falzon qal li hemm bzonn li jsir ezerċizzju mill-uffiċjali tal-komunita' sabiex jikkontrollaw it-trakkijiet li jgħaddu ta' kuljum minn hemm.

**54.9.2** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li fi Triq il-Mitħna k/m Triq il-Belt Valletta qed ikun hemm ħafna trakkijiet ipparkjati bil-konsegwenza li jagħlqu l-vision tas-sewwieqa.

**54.9.3** **Il-Kunsillier Daniel Bugeja** nfurma li ltaqa' mal-Kummissarju tat-Tfal fejn saru linji gwida dwar kif għandu jinħatar il-Kunsill tat-Tfal. Il-Kunsillier Bugeja nfurma li sar meeting mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Injazju u nfurmatu li hemm 711-il student minn Ħal Qormi. Il-Kunsillier Daniel Bugeja nfurma li se tkun qed titqassam applikazzjoni lill-istudenti kollha tal-kulleġġ sabiex min hu nteressat jidħol f'dan il-Kunsill.

**54.9.4** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li bejn is-17 u l-21 ta' Marzu se ssir iz-zjara fi Braga l-Portugal sabiex jigi ffirmat il-Konsorzju tal-Gimgha Mqaddsa.

**54.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 13 ta' Frar 2019

**IFFIRMATI**
Jesmond Aquilina
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv